**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 30

It-tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 30 ta' Settembru 2014 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Quarterly Financial Report*
6. *Proposta ghal tibdil ta' direzzjoni ta' traffiku fi Triq Don Rua*
7. *Proposta ghal skeda ta' green wardens*
8. *Suggerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aggornament*

1 **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 28.
Dwar punt 5.1, M Aquilina talbet emenda fl-aħħar paragrafu biex tiġi tgħid: 'M Aquilina saqsiet jekk kienx mistieden uffiċjalment il-Kap tal-Oppozizzjoni għall-din l-okkazjoni, peress li hi rat xi Kunsilliera iduru miegħu. M Aquilina issuġġeriet li okkazjoni organizzata mill-Kunsill Lokali għanda tinfetaħ mis-Sindku u mistiedna raprezentanti miz-zewg partiti politiċi'. *Korrezzjoniiet*

1.2 Dwar punt 5.1 P Portelli qal li l-Kunsillier David Muscat għandu jizdied bħala membru ta' dan il-Kumitat.

*Daħal K Busietta – Hin 6.32pm*

1.3 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. P Portelli issekonda. Il-Kunsill qabel, u l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 28*

1.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 29.
Dwar punt 1.8, M Briguglio qal li trid issir korrezjoni peress li l-applikazzjoni hi għal 34 sular u mhux 24 sular. *Korrezzjonijiet*

*Daħal P Radmilli. Hin 6.35pm*

1.5 Dwar punt 1.8, M Briguglio qal li fl-aħħar tal-minuta għandna inzidu l-kliem: 'Il-Kunsill qabel.

1.6 P Radmilli nforma lill-Kunsill li għal din is-seduta huwa għandu jiġi skuzat u mhux assenti, u dan peress li kien bgħat email jiskuza l-assenza tiegħu.

1.7 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. N Castaldi Paris issekondat. Il-Kunsill qabel, u l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 29*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 2.5, P Radmilli saqsa x'ħa ngħamlu ġa la darba ħadd ma ġabar l-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li terga tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet ta' *Landscape Designer*. Il-Kunsill qabel li ngħamlu riklam fuq il-ġurnal *The Times of Malta* ukoll. *Kwotazzjoni – Landscape Designer*

2.2 Dwar punt 2.2, V Galea Pace saqsiet meta se issir il-*bollard* ta' Triq Bisazza. Is-Segretarju qal li sa fl-aħħar jidher li l-istallazjoni ser issir għada. *Bollard - Bisazza*

2.3 Dwar punt 2.7, K Busietta saqsa jekk jistax ikollna indikazzjoni ta' meta ħa niffirmaw għad-devoluzzjoni tax-xelter fi Triq Dingli. Is-Segretarju qal li ser jikkuntatja lis-Segretarjat koncernat. *Xelter – Triq Dingli*

2.4 Dwar punt 2.9, V Galea Pace saqsiet meta ħa ngħamlu l-konsultazzjoni mar-residenti dwar il-bdil ta' isem madwar Pjazza Annunzjata? Is-Segretarju saqsa fejn ezatt ħa nibgħatu l-ittra ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill qabel li tintbgħat dik it-triq biss, voldieri minn Triq Annunzjata sa Triq Castelletti. Il-Kunsill qabel. *Pjazza Annunzjata*

2.5 Dwar punt 2.15, K Busietta qal biex niktbu lil Transport Malta sabiex il-parker ma joqodx fid-daħla tal-parkeġġ tax-Xatt, għax qed izomm it-traffiku fil-*main road.* *Parker ix-Xatt*

2.6 Dwar punt 2.19, K Busietta propona li jsir CCTV fil-bandli ġodda ta' Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju propona li dawn ikunu jgħamlu parti mill-proġett aktar wiesa ta' l-izvilupp ġdid li l-Kunsill qabel li jgħamel f'dan il-ġnien fis-sena 2015. *CCTV*

2.7 Dwar punt 2.5, P Radmilli saqsa meta se jgħalqu t-tenders ta' servizz ta' Perit u Contracts Manager. Is-Segretarju qal li dawn jgħalqu ghada. *Tenders*

2.8 Dwar punt 3.2, V Galea Pace saqsiet kif bqajna dwar it-tindif ta' dawn il-*portable toilets*. Is-Segretarju qal li zamm mad-decizjoni originali, li dawn jitnaddfu darba kuljum. Is-Segretarju qal li issa li ħa tibda xitwa, l-Kunsill ħa jzomm dawn il-*mobile toilets*? Il-Kunsill qabel li aħjar l-ewwel insaqsu lis-CSD jistgħux ihaluwolna hemm u jnaddfuhom huma. P Radmilli propona li niktbu ittra lit-*Tourism Zone Committee* fuq il-bzonn ta' latrina permanenti x-Xatt. *Mobile toilets*

2.9 Dwar punt 4.3, is-Sindku qal li l-ittra ta' konsultazzjoni fuq dawn il-*bollards* intbgħatu, u bdew deħlin il-kummenti mir-residenti. Il-Kunsill qabel li ngħatu cans sa l-aħħar tal-ġimgha id-dieħla u tingħalaq il-konsultazzjoni. *Konsultazzjoni - Tigne*

2.10 Dwar punt 5.1, P Portelli qal għada ħa jiltaqa l-ewwel darba s-sotto kumitat tas-*Sliema Street Arts Festival* *ssaf*

## *Materji mill-Minuti 29*

2.11 Dwar punt 1.2, is-Sindku qal li ta' San Girgor ma ħaduwiex daqsekk bi kbira li ma ingħatax permess għall-attivita mitluba. M *Permessi - Attivitajiet*

Aquilina saqsiet jekk issa, bl-istess mod, tal-Karmnu hux ha ntuhom għal fuq il-promenade? Is-Sindku qal le, għax hekk iddecieda Kunsill. Id-decizjoni tgħodd għal kulħadd.

2.12 Dwar punt 1.16, P Radmilli qal li kien hemm *bin* go Triq Falzon u li dan ma għadux hemm. P Radmilli qal nistghux f'dik iz-zona ngħamlu *dog bin*? Il-Kunsill qabel li niddeciedu fejn ngħamlu *dog bins*, u ngħauthom numru. *Dog bins*

2.13 Dwar punt 1.14, is-Segretarju qal li fuq wieħed mill-*billboards*, il-MEPA ħarġet *enforcement* wara li hu irraporta. P Portelli qal li għandna niktbu lil Onor. Michael Falzon biex dawn il-billboards li qegħdin bla permess jitneħħew min fuq il-post. *Billboards*

2.14 Dwar punt 1.18, billi l-aħħar kandidat eliġibli għall-pozizzjoni ta' skrivan ma aċċettax li jidħol għax-xogħol, il-Kunsill qabel li nerġgħu nġibu lista ġdida ta' applikanti mill-ETC, u nimxu bl-istess proċedura ta' qabel fejn il-Kumtiat jgħamel l-intervisti mal-persuni *shortlisted* a bazi ta' esperjenza fi rwol simili. *Skrivan/a tal-Kunsill*

2.15 Dwar punt 1.19, il-Kunsill Lokali qabel li issir *fence* minħabba l-perikolu li jinsab taht it-Torri, fl-inħawi tal-latrini pubbliċi. *Fence*

## 5. QUARTERLY FINANCIAL REPORT

5.1 L-*accountant* tal-Kunsill għamel prezentazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*. Il-Kunsill approva.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. K Busietta issekonda. Il-Kunsill qabel. Il-lista ta' pagamenti giet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

## 4. RAPPORTI MIL-KUMITATI U MIS-SOTTO KUMITAT

4.1 Ma kien hemm l-ebda punti għal diskussjoni.

## 6. PROPOSTA GHAL TIBDIL TA' DIREZZJONI TA' TRAFFIKU FI TRIQ DON RUA

6.1 Is-Sindku propona li din it-triq tigi *one way* l-isfel, tgħati min Triq Dingli għal Triq Windsor. Il-Kunsill qabel li jikkonsulta lir-residenti ta' din it-triq dwar din il-proposta nilli tintbgħat ittra f'kull dar.

6.2 Is-Sindku ressaq ukoll proposta sabiex issir *junction* ġdida fi Triq it-Torri kantuniera ma' triq il-Kullegg l-Antik. Is-Sindku prezenta

pjanta preparata mill-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u sabiex jibda ix-xogħol li jinġiebu l-permessi necessarji sabiex ikun jista jinbeda ix-xogħol il-quddiem.

## 7. PROPOSTA GHAL SKEDA TA' GREEN WARDENS

7.1 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera individwalment jibgħatu e-mail lis-Segretarju Ezekuttiv fejn iridu li jintbgħatu *green wardens* sabiex iħarrku dwar il-ħruġ barra il-ħin tal-borza sewda u ħmieġ tal-klieb.

## 8. SUGGERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza, tal-Orpheum Theatre, li qed jiprovaw iwaqqfu Fondazzjoni biex jirrestaw dan il-post. Il-Kunsill jirrakomanda li jigi restawrat? Il-Kunsill qabel li jġib aktar informazzjoni qabel jiddeciedu għandux jirrakomanda dan.

## 9. AGGORNAMENT

9.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għanda issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2014.

Minuti approvati llum 29/10/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**